FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 20 TA' MEJJU 2002

PULIZIJA
SPETTUR PAUL BOND
VS
JOSEPH ZAHRA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Zahra ta' 44 sena, iben il-mejjet Joseph u Anna nee Cutajar, imwieled B'Bugia nhar is-6 t'April 1953 u joqghod House 2, Block 5, Officer's Mess, Triq Hal Far iz-Zurrieq, u numru tal-karta tal-identita' 293553M talli fil-Marsa u f'Rahal Gdid nhar l-10 t'April 1997, ghall-habta ta' l-4pm waqt li kien qed jaghmilha ta' xufier tal-karozza tal-linja nru Y-0532 ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta' Alistair Bianco miz-Zejtun, skond ma ccertifika Dr E Pace Balzan MD, tac-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, li huwa Inspector ta' l-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, u b'hekk inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzjoni ta' dak is-servizz.

Talli fl-istess, lok, jum, hin u cirkostanzi, attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmi Alistair Bianco, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, fixkel lill-imsemmi Alistair Bianco waqt li kien qed jaghmel dmirijiet tieghu u gab fix-xejn jew hassar dak li huwa kien ghamel skond il-ligi.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ghamel uzu minn biljetti mhux dawk kif mahruga mill-assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, telaq minn wara l-isteering, meta kellu l-passiggieri.

Talli sar ricediv wara li kien gie ikkundannat ghal diversi reati b'sentenzi li saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-imputat tal-24 ta' Jannar 2002.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi fl-10 t'April tas-sena in kwistjoni il-Pulizija ta' Rahal Gdid gew infurmati illi bus conductor Alistair Bianco kien gie agrediet min xufier tax-xarabank tal-linja. Illi ghalhekk l-Ispettur Anthony Cassar investiga l-istorja ta'

Bianco li qallu illi meta tela fuq ix-xarabank tal-imputat Zahra fi triq Dicembru tlettax biex jiccekkja il-biljetti tal-linja skond il-mistier tieghu, induna illi l-biljetti ma kienux skond dawk kif mahrugin mill-Awtorita tat-Trasposrt Pubbliku. Illi ghalhekk gabar il-biljetti tal-passiggieri kollha. Mar fuq l-imputat Zahra u gibidlu l-attenzjoni fuq din il-materja.

Meta ghamel dan qamet kwistjoni kbira bejn il-Marsa u Rahal Gdid. L-imputat ipparkja ix-xarabank mal-hajt, qam minn wara l-isteering, halla il-passigieri fix-xarabank, hebb ghal Bianco, qabdu minn sidru, sabtu fuq is-seat, rega qajmu, rega sabtu fuq is-seat u faqa hgiega tal-karozza bih.

Illi wara dan l-incident, Bianco mar jaghmel rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid fejn ittiehed il-Health Centre ta' Hal Qormi u gie ezaminat min Dr Pace Balzan, illi rrilaxxa certifikat dok AC a fol 37.

Illi Joseph Zahra irrilaxxa l-istqarrija dok AC1 fol 39 et seq  u dana sahaq illi l-incident kien bdieh l-istess Alistair Bianco meta dan dahhallu il-biljetti f'ghajnejh.

Xehed illi kien Alistair Bianco illi hebb ghalih u xehed illi "kellhom jaqaghluh in-nies minn fuqu."

L-ufficjal prosekutur xehed illi l-imputat kien urieh certifikat mediku li pero l-ufficjal prosekutur kien ta istruzzjonijiet lill-imputat li kellu jzomm dan ic-certifikat u jesebih fil-kawza.

Min-naha tieghu Alistair Bianco cahad bil-qawwa kollha illi huwa b'xi mod hebb ghall-imputat.

PS Joseph Mangion xehed illi huwa wasal l-ghassa xi nofs siegha wara l-incident u wasal Bianco b'certifikat u b'ittra biex jiehdu passi kontra Joseph Zahra.

Xehed illi meta kellem lil Zahra huwa innega kollox u qal li l-inkwiet kien bdieh Bianco. Is-surgent xehed illi Bianco min-naha tieghu kien qal illi kien qed jahdem xoghlu fuq ix-xarabank tal-imputat bhala ufficjal tat-trasport pubbliku u li meta gibidlu l-attenzjoni fuq xi negligenza dwar it-tickets Zahra ma tahx cans jitkellem u qabad jsawwtu u xehtu mix-xarabank.

PS Lentini presenti ghall-istqarrija tal-imputat ikkonferma  l-istqarrija tal-imputat.

PS710 Joseph Mangion a fol 43 xehed illi l-imputat Zahra ma urieh ebda feriti li l-istess imputat seta garrab fuq il-persuna tieghu.

Mix-xhieda imbaghad ta' Alistair Bianco jirrizulta illi tela fuq ix-xarabank tal-imputat sabiex jaqdi id-doveri tieghu u beda jiccekkja il-biljetti tal-passiggieri billi jivverifika is-serial numbers taghhom.

Meta ghamel dan induna illi kien hemm hafna biljetti maqbuzin b'numri kbar u ghaldaqstant gabar il-biljetti kollha tal-passiggieri. Meta ix-xarabank waslet hdejn il-Habs ta' Kordin ix-xufier ressaq ix-xarabank mal-hajt hdejn l-istage, qam minn postu, hareg minn gol-kabina u hebb ghalih. Bianco qallu bil-problema tat-ticket u urieh tnejn minnhom, u l-imputat qabad u qattaghhom u remihom il-barra u l-imputat beda jallega illi Bianco kien qabad u gabarhom mill-art tax-xarabank. . Tah zewg daqqiet ta' ponn go sidru, habtu mas-seat ta' wara tax-xufier, rega qabdu u xehtu in-naha l-ohra. In-nies ippanikkjaw u nizlu minn gox-xarabank. Qattaghlu il-gakketta u l-qmis u f'hin minnhom Bianco irnexxielu jahrab min got-trakk.

Bianco xehed illi jekk l-imputat kellu xi griehi dawn gew il-ghaliex f'mument wiehed l-imputat zelaq u kien f'dan il-mument illi Bianco irnexxielu jahrab.

Xehed illi Zahra heddu illi joqtlu fost hafna kliem oxxen u dagha. Bianco ikkonferma ic-certifikat mediku tieghu.

Bianco min naha tieghu innega b'mod qawwi ili hu dahhallu xi biljetti f'ghajnejh jew li laqtu f'ghajnejh jew b'xi mod iehor ferieh jew missu.

Jinnega wkoll b'mod qawwi illi hu gidem subghajn l-imputat.

Alistair Bianco xehed illi meta inqala l-incident f'wicc l-imputat ma kien hemm grief jew marki.

John Camilleri, mill-Public transport Association, xehed fuq id-dmirijiet tal-inspectors u ikkonferma li Alistair Bianco jahdem maghhom.

Gew ippresentti diversi sentenzi dok PC a fol 65, dok ACZ a fol 68, Dok ACZ1 a fol 69, sentenza tat-12 ta' Jannar 1993 u sentenza tas-27 ta' Novembru 1995.

Mix-xhieda ta' Joseph Agius, Chief inspector fuq ir-rotta ta' Haz-Zabbar, xehed illi l-inspector kollha taht "idejja jigu jinfurmawh li Joe Zahra qed jaghmel ghalihom kull darba u li qed isibulu biljetti maqbuzin".

Alistair Bianco fit-tieni xhieda tieghu, esebixxa il-biljetti dok A1 sa A24 u spjega kif wasal ghall-konkluzzjoni li dawn gew maqbuza.

Dr Joseph Bonnici fol 124, Chairman tal-Board tad-Dixxiplina tal-Public Transport Association, xehed illi paragun l-imputat jkollu aktar kawzi minn haddiehor quddiem il-Bord ta' dixxiplina.

A fol 126 Spettur Cutajar ikkonferma sentenza dok ACZ a fol 68 u gharaf lill-imputat.

Supretendent Patrick Spiteri ta' ix-xhieda tal-identita dwar is-sentenza tas-27 ta' Novembru 1999.

Dr E Pace Balzan ikkonfermat il-griehi ta' Alistair Bianco u kklassifikathom bhala ta' natura hafifa.

L-imputat min-naha tieghu xehed illi dan ma kienx kaz ta' xi serq "dan il-griehi li ghamel ghamilhom hu ghax waqa go l-istaffa. " (fol 139)

L-imputat qal illi mill-Belt kien telaq b'xi sebgha stranjieri u li dawn kellhom tickets tal-15c pero kienu hadu zball u nizlu il-Blata l-Bajda. Illi meta tela l-Ispettur fi Triq Dicembru tlettax dan qallu "sibtlek seba nieqsa"

L-imputat qal illi huwa kien widdeb lil Bianco illi kien ghadu kemm nizzel sebgha passiggieri u beda l-argument. Xehed illi kif waslu hdejn I-cimiterju Bianco "Bianco bellaghhom hekk il-biljetti, ma ghajnejja."

Zahra xehed illi huwa ma qabax isuq u Bianco "bhal speci haseb illi jien ser nahbat ghalih. Jiena ma hbattx ghalih xejn. Jiena tlajt l-Ghassa ta' Rahal Gdid qablu, u ghaddejt bil-passiggieri b'kollox l-Ghassa ta' Rahal Gdid biex jaghmel ir-rapport". Gie ic-Chief Insoector u bdew jitkellmu fuq il-biljetti. Xehed illi hu kien ha brake u li Bianco haseb li kien ser jahbat ghalih u li "imbaghad waqa go l-istaffa."

Xehed illi kissirlu il-hgiega tal-istaffa u kif nizel ta daqtejn mal-pjanca tat-trakk, ghawwieglu il-mera u harab jigri .

Illi fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-imputat jinghad illi l-Qorti hija kkonfrontata b'zewg versjonijiet kontrastanti u li jesistu elementi li jdghajjfu il-kredibilita ta' Bianco.

Illi il-paragrafi a, b, u c fl-istess nota ta' osservazzjonijiet ta' Zahra bl-ebda mod ma jxejnu il-kredibilita ta' Bianco liema xhud xehed quddiem din il-Qorti bl-aktar mod sejru u preciz, minghajr xenxilli u minghajr esegerazzjoni. Dan ix-xhud huwa inspector giovanili, ta' statura zghira u

pjuttost persuna timida u din il-Qorti bl-ebda mod ma tista timmagina kif dan il-persuna timidu ser jaffronta u jdahhal il-biljetti f'ghajn Zahra, persuna maghrufa mal-pulizija u anke ma din il-Qorti stess bhala persuna illi ma jafx jikkontrolla il-korla tieghu, bhala persuna aggressiv immens, persuna illi jahseb illi ma tesisti ebda awtorita li tista ghalih. Dan jafuh il-pulizija tad-distrett li xehdu, jafuh Chief Inspectors fuq ix-xarabanks tar-rotta ta' Haz-Zabbar, jafu ic-Chairman tal-Board tad-Dixxipplina Dr Bonnici.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ghajr ghas-sitt u s-seba akkuza. Rat l-Art 221, 339(e) u (ee), 95 u 96(a), 338(bb), 342, 49 u 50 tal-kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghall-erba' xhur prigunerija.

Ghar-rigward tas-sitt u s-seba akkuza din il-Qorti hi tal-fehma illi dawb jaqghu that il-kompetenza tac-Chairman tal-Board tad-Dixxiplina tat-Trasport Pubbliku.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.